**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

**Seduta** 04/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 05/05/2011 fis-6.45pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott Iż-Żebbuġ Isml

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Assenti minħabba xogħol |
| | Darmanin Richard | Preżenti mit-8.30pm sad-8.45pm |
| | Fenech Stephanie | Preżenti |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti mis-7.30pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Assenti minħabba xogħol |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistant Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti 03/11 inqraw u ġew approvati nem.con. bil-korrezzjoni li ġejjin:-** | |
| | 03.2.6 | minflok il-kelma 'għaqda' tidħol il-kelma 'Fondazzjoni'. | | |
| | 03.2.9 | Fenech irrimarkat li fl-20 ta' Marzu saret l-attivita' High Rocks filwaqt li fil-21 ta' Marzu saret attivita' ma' Skola Primarja B. | | |
| 04. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**04. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | 03.2.2 | Viċi-Sindku: Ħajt perikoluż mal-ġenb tal-Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar il-ħajt periklouż mal-ġenb tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Is-Segretarjat tkellem ma' l-Ispettur li dan suppost kellem lill-Arċipriet. B'dispjaċir il-Kunsill innota li l-ħajt baqa' ma tranġax. **Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Pulizija sabiex jipproċedi skond ma titlob il-liġi.** | Segretarjat |
| 04. 2. 2 | 03.2.3 | Sindku: Laqgħa ma' l-inkwilini li ser jaqgħu taħt l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill il-laqgħa li saret nhar l-4 ta' Mejju fil-5.30pm ma' l-inkwilini tal-blokki ta' Ħal Tmiem li ser jieħdu sehem fl-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar. Il-Kunsill ser jingħata €5,000 għal komun ta' kull blokk. L-istruttura tal-bejt, il-binja minn barra u l-istruttura tal-gallariji ser jibqgħu f'idejn l-Awtorita tad-Djar. Il-ġimgħa d-dieħla l-Presidenti tal-kumitati amministrattivi ser jiltaqgħu ma' rappreżentanti ta' l-Awtorita tad-Djar li ser ikunu maqsumin f'żewġ gruppi. | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 3 | 03.2.6 | Sindku: Festa Ġemellaġġi | Is-Sindku rraporta l-festa ġemellaġġi li saret fil-bidu ta' April 2011. Sfortunatament l-attendenza ma kinetx waħda numeruża. Is-Sindku u l-Viċi-Sindku attendew għal din il-konferenza filwaqt li min-naħa ta' Tocina attendiet persuna waħda biss. Il-Viċi-Sindku rringrazzjament lill-impjegata Muscat għas-servizz tagħha ta' interpretu . Min-naħa tal-Kunsill itteligħet preż entaz dwar l-ilma u l-problema ta' nuqqas ta' l-ilma fil-belt ta' Tocina u dik taż-Żejtun. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| | | | Bħalissa fiż-Żejtun beda s-survey fost 500 familja bl-għajnuna ta' l-istudenti ta' Profs Pirotta. **Il-Kunsill qabel li ladarba tinġabar l-informazzjoni dwar l-ilma, l-irziezet tal-baqar, wirt kulturali din tinġabar taħt forma ta' pubblikazzjoni.** | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 04. 2. 4 | 03.2.7/8/14 | Viċi-Sindku: Korsijiet tal-Kompjuter | Il-Viċi-Sindku ġiet avviċinata minn TCTC dwar il-korsijiet tal-kompjuter fejn ġie deċiż li l-Kunsill iħallas għall-printing tal-leaflets biss. Id-distribuzzjoni issir min-naħa tal-Kunsill filwaqt li l-applikanti iħallsu €10 għan-noti. | Camilleri |
| 04. 2. 5 | 03.2.9 | Fenech:- Fiera ta' l-Isports | Fenech staqsiet jekk waslux il-kontijiet tal-Kunsill Malti għall-Isports. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | |
| 04. 2. 6 | 03.2.16 | Viċi-Sindku: Skolasajf | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill li l-inizjattiva 'Tfal Jadottaw Anzjan' waqt Skolasajf ser issir bejn 3 entitajiet: il-Kunsill Lokali, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (Skola Primarja B) u d-Dipartiment ta' l-Anzjani. S'issa ser jieħdu sehem madwar 74 anzjan. Il-programm ser ikun varat fil-25 ta' Mejju fid-Day Centre. | Viċi-Sindku |
| 04. 2. 7 | 03.2.17 | Viċi-Sindku: Globu Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku rringrazzjat lill-Kunsill għal globu li sar fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. | |
| 04. 2. 8 | 03.3.2 | Viċi-Sindku: Każ tas-Sur Mcpherson | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar xhiex kien il-każ bl-Ombudsman tas-Sur Mcpherson. Is-Sindku spjega li dan kien jitratta l-posti u l-waiting list tas-Suq. | Sindku |
| 04. 2. 9 | 03.3.3 | Viċi-Sindku: Billboard Banda Beland | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ittellax il-billboard tal-Banda Beland fi Triq Bormla. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Inġiebu r-regolamenti tal-Mepa fejn din tgħid li jekk il-billboards ikunu ta' attivitajiet kulturali mhemmx bż onı il-permess tal-MEPA u jistgħu jitħallew għal perijodu ta' ħmistax -il ġurnata. | |
| 04. 2. 10 | 03.3.4 | Sindku: Misraħ Indipendenza | Is-Sindku b'dispjaċir innota li minkejja l-isforzi kollha tal-Kunsill, s'issa għadu ma wasalx biex ikun jista jiżviluppa Misraħ Indipendenza. | Sindku |
| 04. 2. 11 | 03.3.6 | Viċi-Sindku: Bollards | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-bollards li ser isiru quddiem il-Knisja Parrokkjali humiex ser isiru min-naħa tal-Knisja. Is-Sindku ikkonferma li dawn ser isiru min-naħa tal-Knisja. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 2. | 12 | 03.3.8iii | Viċi-Sindku: Skart fi Triq l-Għannejja | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir tabella mill-Kunsill li tindika li ma jistax isir tfiegħ ta' skart fil-kantuniera ta' Triq l-Għannejja peress li dik li saret b'mod temporanju qed tiġi injorata. **Il-Kunsill qabel.** Il-Viċi-Sindku talbet ukoll sabiex jitneħħew 4 xkejjer ta' skart ħdejn is-substation tad-dawl fi Triq il-Labour. Il-kuntrattur ta' l-iskart ser jiġi kkuntattjat sabiex dawn jitneħħew. Hawnhekk ġie innutat li t-tunellaġġ ta' ġbir ta' skart jidher li naqas iżda konferma ta' dan tingħata aktar tard fil-laqgħat li ġejjin. | |
| 04. | 2. | 13 | 03.3.9 | Viċi-Sindku: Ċelebrazzjonijiet taż-Żejtun Corinthians | Il-Viċi-Sindku faħħret liż-Żejtun Corinthians għaċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sibt u l-mod kif il-Kunsill għen għall-permessi meħtieġa. Il-Kunsill ma żammx flus tal-permessi peress li din kienet attivita' ta' għajnuna għall-isports. Seychell staqsa jekk l-bins on wheels li kien hemm ipprovdihomx il-Kunsill Lokali. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. Hales qal li l-bins on wheels irnexxew ħafna. L-ispiża li kellu l-Kunsill kienet tkopri wkoll il-kenniesa l-Ħadd fil-għodu. | |
| 04. | 2. | 14 | 03.4.2 | Fenech: Żejtun Redstars Ground | Fenech infurmat lill-Kunsill li sar ħlas għall-użu tal-ground peress li dan intuża għal ċertu tul ta' ħin b'teif għar-Redstars li s-soltu jikrih għal-logħob ieħor. M'hemm l-ebda ftehim bil-miktub li l-Kunsill għandu dritt już a l-ground f'ħinijiet u ġranet speċifiċi mingħajr ħlas bħalma għandu fil-ftehim tal-Corinthians. | |
| 04. | 2. | 15 | 03.6.5 | Viċi-Sindku: Attivita' Vittmi tal-Gwerra | Il-Viċi-Sindku irrimarkat li ma kienx hemm l-involviment tat-tfal waqt l-attivita' Vittmi tal-Gwerra kif kien ġie deċiż fl-aħħar laqgħa. **Il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla din l-attivita' għandha tinvolvi l-għaqdiet żwieten bl-istandardi.** Seychell irrimarka li tqassam poster f'kull għaqda. | Seychell |
| 04. | 2. | 16 | 03.6.6 | Seychell: Sleeping policeman fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Seychell reġa' ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' effett li qed tħalli s-sleeping policeman li hemm fil-liwja ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas sabiex isir xi tip ta' rimedju. Is-Sindku spjega li peress li din l-isleeping policeman tinsab f'liwja diffiċli li jsir xi ħaġa. | |
| 04. | 2. | 17 | 03.6.10 | Fenech: Outdoor gym & walking track | Fenech faħħret l-inizjattiva tal-Viċi-Sindku u offriet l-għajnuna tagħha sabiex isiru l-outdoor gym u l-walking track peress li diġa' għandha xi katalgi bl-informazzjoni meħtieġa. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | Is-Sindku staqsa għaliex iż-Żejtun jinsab mingħajr youth worker. Fenech spjegat li il-youth worker ma jistax ikun iffinanzjat mill-Gvern Ċentrali jekk ma jkunx hemm il-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sur Hales u l-Viċi-Sindku qalu li ma jistgħux jifhmu kif ma nstabux 5 żgħażagh Żwieten għal dan il-proġett. Fenech wieġbet li ż-żgħażagh jinsabu mhedija b'attivitajiet oħra. | |
| 04. 2. 18 | 03.6.13 | Viċi-Sindku: Green Bags | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li l-green bags tqassmu. | Viċi-Sindku |
| 04. 2. 19 | 03.6.15 | Viċi-Sindku: Impjegat Godwin Muscat | Il-Viċi-Sindku stqsiet dwar l-andament tul ix-xahar ta' ħidma li l-impjegat Muscat ilu mal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li s'issa jidher li Muscat miexi tajjeb. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

**04. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 3. 1 | 01 | MEPA: PA4448/08 | **Il-Kunsill qabel li għandu jindaga dwar dan l-iżvilupp.** | Sindku |
| 04. 3. 2 | 09 | DLG: Memo 39/11 Playing Fields b'tagħmir perikoluż | **Il-Kunsill qabel li jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jissupplixxi lill-Kunsill ir-rapport dwar il-playing fields.** | |
| 04. 3. 3 | 12 | Ronald & Chris Bezzina: Tender ta' skart zone B | Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-bins on wheels li tpoġġew: f'Ġebel San Martin, f'Ħal Tmiem u Ta' Ganza. It-toroq li fihom tneħħew l-iskips qed jinġabru bis-servizz bieb bieb. Il-prezz baqa' l-istess. 30 skip bil-€1.65 -il waħda għal Sant'Antnin, (€1.70 Magħtab) bi tbattil mit-Tnejn sal-Ħadd. L-iskart tat-toroq bieb bieb fil-bqija taż-żona B qed jinġabar mit-Tnejn sas-Sibt għall-prezz ta' €24.75 kuljum. Dawn ekwivalenti għal 15 -il bin on wheel bil-€1.65 -il waħda. | |
| 04. 3. 4 | 17 | Għaqda Mużikali Beland: Ċelebrazzjonijiet tal-150 sena Banda | Is-Sindku rraporta li ġew konklużi l-arranġamenti hekk kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti. L-Għaqda Mużikali Beland bagħtet ittra ta' ringrazzjament lis-Sindku għall-permessi u koperazzjoni u stedina uffiċjali lill-Kunsilliera għal attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena Banda b'risq Puttinu Cares li ser isiru bejn il-15 u t-23 ta' Mejju ġewwa l-Pjazza tas-Suq. | |
| 04. 3. 5 | 20/21/22 | Ittri Richard Darmanin, Michael Darmanin obo Clean Away Service Ltd. - Tender ġbir ta' Skart Zone B | Bħalma ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti is-Segretarju kiteb lill-Kunsillier Darmanin, bħala tweġiba għall-ittra tiegħu, fejn staqsieh kif u għaliex il-Kunsill mhuwiex jonora t-tender għall-ġbir ta' skart żona B. B'risposta l-Kunsillier Darmanin kiteb ittra oħra eżatt bl-istess ilment bla spjegazzjoni. | |

Sadanittant, il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Michael Darmanin obo Clean Away Service fejn qed jallega li kemm il-kuntrattur preżenti kif ukoll il-Kunsill mhumiex jonoraw it-tender GB03/10. Dawn l-ittri intbagħtu lid-Direttur tad-Dipt. Gvern Lokali, Sur Carmel Abela fejn dan bagħat lill-Kunsill il-liġi ta' kunflitt ta' interess.

**Il-Kunsill qabel li għandu jgħarraf lill-Kunsillier Darmanin li ma jistax jikkunsidra l-ittri tiegħu minħabba kunflitt ta' interess billi huwa missier is-Sur Michael Darmanin tal-Clean Away Service, filwaqt li jieħu parir sabiex jirrispondi l-ittra ta' Clean Away Service Ltd.**

Il-Kunsillier Darmanin ma kienx preżenti waqt din id-diskussjoni.

04. 4. **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 04/11 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | i 97 u 98 | **Il-Kunsill qabel li ma jħallasx dawn il-kontijiet peress li ma kellux dan it-tip ta' ftehim ma' TCTC Ltd.** | | |
| 04. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 04/11 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 04. 4. 4 | | Petty Cash - April 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista tal-petty cash ta' April 2011 hekk kif preżentata, li kien jammonta għal €231.49.** | Segretarjat |

04. 5. **Tender Public Private Partnership**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku rraporta li ġew avviċinati ż - kuntratturi li ġew l-aktar viċin xulxin fil-prezzijiet:- Philip Agius Ltd u Polidano Bros. Għalkemm il-Kunsill kellu jirċievi risposta mingħand il-Perit ta' Polidano Bros fuq l-estimi iżda baqgħet ma waslitx. Għandna niktbu għal tweġiba dwar l-estimi li tlabna fil-kundizzjonijiet oriġinali tat-tender. | |

04. 6. **Toroq Distributorji fiż-Żejtun**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 4. 6. 1 | | Sindku: Triq President Anton Buttiġieġ | Is-Sindku informa lill-Kunsill li partijiet minn Triq President Anton Buttiġieġ ċedew. Għaldaqstant intbagħtet korrispondenza bir-ritratti lill-TM iżda din l-awtorita qed isostni li din it-triq ċediet għax ma sarx maintenance fuqha. Dan mhux minnu u għalhekk mhux aċċettabbli. | |
| 4. 6. 2 | | Sindku: Triq Bir id-Deheb sa Hompesch | Il-Kunsill innota li l-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jagħmel mill-ġdid il-wiċċ tat-toroq bejn Triq Bir id-Deheb u l-Bieb ta' Hompesch. Sfortunatament il-Kunsill innota wkoll li dawn it-toroq distributorji qatt ma ġew imdaħħla mal-pjan tal-Gvern anke meta sar devjazzjoni għal ġo l-istess toroq meta kienet qed isir il-bypass ta' Triq Wied il-Għajn. | |

**04. 7. Miżura 313 - Proġett f'Ta' Strejnu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed timtela applikazzjoni għall-proġett f'Ta' Strejnu vis a vis l-miżura 313. Din l-applikazzjoni se tiddaħħal quddiem il-Mepa għada. | |
| 04. 7. 2 | | | Il-proġett ser jikkonsisti f'xogħol ta' tisbieħ mill-Kappella ta' Ħal Tmiem sal-Kappella ta' San Niklaw, żewġ destinazzjonijiet storiċi, turistiċi, kulturali u rurali bejn Tas-Silġ/M'Xlokk u l-Bajja SanTumas/M'Skala. | |

**04. 8. Appell tat-Tender 01/11**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 1 | | Segretarjat: Rapport | Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi-Sindku attendew għall-appell ta' L & A Camilleri b'konnessjoni ma' tender 01/11 quddiem l-AKL. L-ilment min-naħa ta' L & A Camilleri kienu bbażati li l-offerta tagħhom kienet l-orħos offerta u skond il-kundizzjonijiet speċifiċi. | |
| 04. 8. 2 | | | Is-Segretarju Eżekuttiv ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Bord fejn spjega li mhiex policy tal-Kunsill li jagħżel l-orħos offerta u kif il-Kunsill wasal għall-għażla tad-desk ta' Krea Dex Workspaces meta ħa inkunsiderazzjoni ċertu fatturi. S'issa l-Kunsill għadu qed jistenna d-deċiżjoni tal-bord tal-AKL. | |

**04. 9. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Fenech | **Il-Kunsill qabel li issir mappa li tindika l-allokazzjonijiet tal-bins, kull sit għandu jiġi numerat u kull bin ikollha numru fuqha li jkun jikkorrispondi ma' l-allokazzjoni fuq il-mappa.** | |
| 04. 9. 2 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Sindku | **Il-Kunsill qabel li kull korrispondenza li jirċievi minn xi għaqda fil-lokal għandha tkun iffirmata mis-Segretarju ta' dik l-għaqda/każin/ċentru.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9. 3 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Sindku | **Il-Kunsill qabel li s-Sur Gaetano Desira, il-persuna inkarigata li tagħmel użu mill-ilma tal-ġibjun li jinsab fi Triq Toni Zahra bħala kumpens jibda kull nhar ta' Tnejn isaqqi s-siġar taż-żebbuġ li ġew imħawwla riċentement fi Triq Ġużi Abela u Triq Ġebel San Martin, kull nhar ta' erbgħa jsaqqi Ġnien Brejġu u kull nhar ta' Ġimgħa jitfa bowser ilma fil-ġiebja ta' Ġnien tal-Kmandant.** | |
| 04. 9. 4 | | | Hawnhekk il-kunsilliera Fenech issuġeriet li titqabbad persuna taħt l-iskema ta' l-FES bħala ġardinar. Is-Segretarjat irraporta li din it-talba diġa' saret quddiem l-FES iżda dawn qalu li m'għandhomx nies miktubin fl-area tagħna li tagħmel dan it-tip ta' xogħol. | |

**04. 10. Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 10. 1 | | Viċi-Sindku: Triq San Alfonsu | Il-Kunsill laqa t-talba tar-residenti ta' Triq San Alfonsu, li hija dejqa ħafna, sabiex din it-triq issir bis-siment peress li t-tarmak qed jinqala'. | Sindku |
| 04. 10. 2 | | Hales: Triq Dulliegħ | Hales staqsa dwar il-każ ta' Triq id-Dulliegħ. Is-Segretarjat spjega li għamel rapport uffiċjali quddiem il-Mepa. Il-Kunsill irċieva ittra mid-direttur tal-Mepa s-Sur Walker li ser isir it-tindif li hemm bżonn min-naħa tal-Mepa. Hales talab sabiex isir enforcement tal-garaxx fi Triq id-Dulliegħ li jiddentifika kif suppost jopera l-garaxx inkwistjoni. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn li jsir tindif fi Triq Kastellan kif tħalli lil Cancu Supreme Travel. | |
| 04. 10. 3 | | Sindku: Ftuħ tal-fergħa moderna tal-HSBC Żejtun | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie mistieden mill-HSBC sabiex jinawgura l-ftuħ tal-fergħa refurbished ta' l-HSBC Żejtun. Il-Bank HSBC offra s-somma ta' €1,500 għall-funtana fotovoltajika li saret f'Ġebel San Martin. | Sindku |
| 04. 10. 4 | | Fenech: WIFI | Fenech staqsiet jekk sarx il-WIFI fi Ġnien San Girgor. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | |
| 04. 10. 5 | | Hales: Uniformi Front Desk | **Il-Kunsill qabel li ssir uniformi għall-istaff tal-front desk.** | Viċi-Sindku |
| 04. 10. 6 | | Fenech: Proposta ta' tieġ fi Ġnien san Girgor | Fenech ressqet il-proposta ta' Dorianne Abela li tagħmel reception żgħira fi Ġnien San Girgor. **Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta iżda jrid ifassal kundizzjonijiet għal attivitajiet simili.** | |
| 04. 10. 7 | | Fenech: Mera tat-traffiku | **Il-Kunsill qabel li ssir mera tat-traffiku fi Triq Santa Marija k/m Triq Luqa Briffa.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. | 10. 08. | Fenech: Attivitajiet | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat taż żgħażagh u sports jorganizza wirja tat-trakkijiet fil-25 ta' Ġunju, balloon fight fis-26 ta' Ġunju fl-area tas-Suq u l-attivita' annwali z@freak fi Ġnien San Girgor nhar il-5 ta' Awwissu. Ser issir ukoll taste dive, liema data titħabbar aktar tard. Din is-sena l-MCast meeting ser issir fl-iskate park. Ser ikunu organizzati outdoor fitness parties (aerobics) fil-ground taż Żejtun Redstars.** | Fenech |
| 04. | 10. 09. | Viċi-Sindku: Tislima Sajf | **Il-Kunsill qabel li l-attivita' annwali Tislima Sajf ġewwa Ġnien San Girgor issir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Awwissu.** | Viċi-Sindku |
| 04. | 10. 10. | Seychell: Ġbir ta' skart | Seychell ġibed l-attenzjoni dwar ġbir ta' skart gzuz gzuz ta' parti minn Triq Santu Wistin u Triq Duluri. Dan qed ikun miġmuh quddiem garaxx. Is-Sindku wieġeb li ser tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur f'dan ir-rigward. | Sindku |
| 04. | 10. 11. | Seychell: Patching | **Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Seychell sabiex isir patching fi Triq Dun Spir Grixti.** | Sindku |
| 04. | 10. 12 | Seychell: Xogħol fi Ġnien Brejġu | Seychell staqsa jekk hux ser jitkompla x-xogħol fuq Ġnien Brejġu. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Sindku |
| 04. | 10. 13 | Viċi-Sindku: Attivitajiet - Jum l-Omm | Il-Viċi-Sindku tat rapport ta' l-attivita ta' Jum l-Omm li ttellgħet illum 5 ta' Mejju filwaqt li fakkret fil-weekend break li ser issir il-weekend li ġej ġewwa l-lukanda Suncrest. Ser isiru żjarat lill-anzjani taż-Żejtun Home u St. Vincent de Paule fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. | Viċi-Sindku |
| 04. | 10. 14 | Viċi-Sindku: Attivitajiet 13-15 Mejju | Il-Viċi-Sindku ressqet it-talba tal-Parroċċa għal skip minħabba l-attivitajiet li ser isiru mill-Parroċċa bejn it-13 u l-15 ta' Mejju. **Il-Kunsill laqa din it-talba.** | |
| 04. | 10. 15 | Viċi-Sindku: Attivita 'Il-Festa Magħna' | **Il-Kunsill approva li ssir l-attivita' 'Il-Festa Magħna' nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju.** Fenech talbet sabiex tgħin fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' kif ukoll sabiex iż-żgħażagħ ikunu involuti fl-attivita'. Is-Sindku spjega li l-attivita' ser tkun tikkonsisti fil-parteċipazzjoni tal-banda tal-Mro Joe Brown u kompetizzjoni għall-folla preżenti permezz tal-karaoke. Jekk ikun hemm tibdil ninfurmaw il-youths@local. | Sindku |
| 04. | 10. 16 | Viċi-Sindku: Attivita' Jum il-Missier | **Il-Kunsill qabel li s-sotto kumitat tal-familja jtella' attivita' għal Jum il-Missier, l-Erbgħa ta' qabel il-festa.** | Viċi-Sindku |
| 04. | 10. 17 | Viċi-Sindku: Il-kumpanija l-ġdida tat-trasport pubbliku Arriva | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk għandniex tagħrif dwar ir-rotot il-ġodda li ser tibda topera bihom il-kumpanija Arriva. Is-Sindku spjega li rappreżentanti ta' l-istess kumpanija kellhom jiġu l-Kunsill minħabba xi permess iżda dawn ma tfaċċawx. | |
| 04. | 10. 18 | Viċi-Sindku: PA System | **Il-Kunsill approva x-xiri ta' portable PA System għall-prezz ta' €200.** | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. | 10. 19 | Viċi-Sindku: Gaffiero Productions | **Il-Kunsill approva li Gaffiero Productions itellgħu attivita' ġewwa Ġnien San Girgor nhar it-12 ta' Ġunju. Dan ser isir għall-ħlas ta' €100 + servizz tal-latrina.** | |
| 04. | 10. 20 | Viċi-Sindku: Triq M'Xlokk | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill każ ta' persuna b'diżabilita' li mhux qed tmur għaliha l-vann peress li ma jkunx jista' joħroġ minħabba l-one-way. Din il-problema qed tinqala issa peress li sar bdil fil-vettura. | Sindku<br>Viċi-Sindku |
| 04. | 10. 21 | Hales: Nappy Changer - Pjazza tas-Suq | **Il-Kunsill approva li jsir xiri ta' nappy changer fil-latrina tal-Pjazza tas-Suq kif ukoll issir changing room fl-istess latrina.** | Viċi-Sindku<br>Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.25pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 2 ta' Ġunju, 2011 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv